**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**-vs-**

**Chantelle Montanaro, detentriċi tal-Karta tal-Identita` bin-numru 300193M**

*Kumpilazzjoni Nru.393/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' tal-imputata Chantelle Montanaro u ċioè talli:

> F'dawn il-gżejjer, nhar il-24 ta' Ġunju, 2018, għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (01:00am) f'San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi :-
>
> Inġurjat, heddedt jew għamlet offiża fuq il-persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
>
> Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunat offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' ommha Carmen Montonaro.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebbet kontra omma Carmen Montonaro un missierha Paul Montonaro sabiex tinġurjahom, idejjaqhom jew tagħmilhom ħsara.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kissret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliethomx jew fixxklithom waqt li kienu għamlu id-dmirijiet tagħhom.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi f'post pubbliku jew f'post aċċessibli għal pubbliku kienet tinstab fi stat ta' sakra.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tinsab akkuzata bihom l-imputata, il-fedina penali taghha, l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputata w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment il-mahfra inkondizzjonata tal-genituri taghha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 95, 214, 221, 222(1)(a), 338(dd)(ee)(ff) u 339(1)(d), tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwiex id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**